

- sussidjarjament, tibgħat id-deċiżjoni lura lill-konvenuta sabiex teżaminaha mill-ġdid, wara li r-rikorrenti jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet speċifiċi dwar partijiet partikolari tar-rapport ta' studju kliniku li għandhom jitħallew barra qabel l-iżvelar; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż legali u għall-ispejjeż l-oħra sostnuti mir-rikorrenti f'din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li r-rapport ta' studju kliniku inkwistjoni huwa kopert minn preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità fis-sens tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, fid-dawl ta': (i) l-istruttura u t-termini tal-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni rilevanti; (ii) l-obbligu tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jwettqu l-obbligi skont l-Artikolu 39(1) tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali li jirrigwardaw il-kummerċ; u (iii) l-importanza li għandha tingħata lid-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għall-privatezza u għall-proprjetà.
2. It-tieni motiv, ibbażat, sussidjarjament fuq l-allegazzjoni l-uniku eżitu legalment ammissibbli ta' eżerċizzju xieraq ta' bbilanċjar, skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, kien ikun deċiżjoni li ma jiġix żvelat ir-rapport ta' studju kliniku inkwistjoni, fid-dawl ta': (i) il-piż konvinċenti tal-interess privat tar-rikorrenti li jiġi evitat l-iżvelar, minħabba l-effett distruttiv li tali żvelar ikollu fuq drittijiet fundamentali għall-proprjetà u għal-libertà ta' intrapriża; u (ii) l-interess pubbliku fl-iżvelar, li huwa sempliċement vag u ġeneriku, peress li ma hemm ebda neċessità pubblika suffiċjentement urġenti għall-iżvelar.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2017 – Bank Tejarat vs Il-Kunsill

(Kawża T-37/17)

(2017/C 104/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Bank Tejarat (Teheran, l-Iran) (rappreżentanti: S. Zaiwalla, P. Reddy, K. Mittal, A. Meskarian, Solicitors, T. Otty, R. Blakeley, V. Zaiwalla, u H. Leith, Barristers)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tordna lill-Kunsill jikkompensa lir-rikorrent għad-dannu mġarrab minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi mill-Kunsill permezz tal-atti segwenti, li jikkonċernaw miżuri restrettivi kontra l-Iran: id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 (ĠU 2012 L 19, p. 22), ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 (ĠU 2012 L 88, p. 1), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2012 tat-23 ta' Jannar 2012 (ĠU 2012 L 19, p. 1), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 709/2012 tat-2 ta' Awwissu 2012 (ĠU 2012 L 208, p. 2), id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/556 tas-7 ta' April 2015 (ĠU L 92, 8.4.2015, p. 101) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/5479 tas-7 ta' April 2015 (ĠU 2015 L 92, p. 12); is-somom segwenti għandhom jitħallsu lir-rikorrent: USD 1 494 050 000 bħala danni materjali, EUR 1 000 000 bħala danni morali, u l-interessi fuq dawn l-ammonti;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed.

Ir-rikorrent jallega li l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi mill-Kunsill fil-konfront tiegħu tikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju tal-obbligi intiżi li jikkonferixxu drittijiet fuq individwi u għalhekk ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea. Dan il-ksur kien il-kawża diretta tad-dannu materjali u morali kunsiderevoli mġarrab mir-rikorrent li fir-rigward tiegħu huwa intitolat għal kumpens.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2017 – DQ *et vs* Il-Parlament

(Kawża T-38/17)

(2017/C 104/74)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: DQ u tlettax-il parti oħra (rappreżentant: M. Casado García Hirschfeld, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

- tiddikajara r-rikors odjern ammissibbli;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' EUR 92 200 għad-danni materjali kkawżati;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha marbuta mar-rikors odjern.

Motivi u argumenti prinċipali

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq diversi nuqqasijiet u omissjonijiet li twettqu mill-amministrazzjoni tal-konvenut u li taw lok għad-dannu materjali subit mir-rikorrenti, senjatament l-ispejjeż kollha tal-avukat kif esposti fil-kuntest tat-talba tagħha għal assistenza li tressqet fl-24 ta' Jannar 2014 abbażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq aġir irregolari, b'mod partikolari korruzzjoni li tippreġudika l-interessi tal-Unjoni fil-proċeduri tal-għażla tal-kandidati, abbużiv u intimidanti min-naħa tal-kap tal-unità tar-rikorrenti fl-eżerċizzju ta' kuljum tal-attivitajiet tagħhom.
3. It-tieni motiv huwa bbażat fuq id-dannu naxxenti minn dan l-aġir fir-rigward tad-dinjità tar-rikorrenti, kif ukoll fir-rigward tal-integrità psikika u fiżika tagħhom li ppreġudika l-karrieri professjonali u l-ħajja familjati tagħhom.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq id-dannu materjali reali u attwali li batew ir-rikorrenti u li huwa marbut mill-qrib mal-malevolenza li wera l-Parlament fil-konfront tagħhom, kif ukoll mal-passi numerużi li huma kellhom jadottaw, b'mod partikolari fir-rigward tan-neċessità li jirrikorru għall-parit ta' avukat.
5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq l-assenza ta' reazzjoni mis-superjuri ġerarkiċi tar-rikorrenti minkejja l-urġenża u l-gravità tal-fatti allegati minn dawn tal-aħħar. Ir-rikorrenti jqisu b'mod partikolari li dawn iċ-ċirkustanzi kellhom jipprovokaw aġir min-naħa tas-superjuri ġerarkiċi tagħhom b'tali mod li jwaqqfu:
 - l-attivitajiet illegali;
 - l-aġir abbużiv u intimidanti tal-kap tal-unità tagħhom kif ukoll it-terminu mhux raġjonevoli tal-amministrazzjoni sabiex tadotta miżuri;
 - il-kundizzjonijiet diffiċli tax-xogħol tagħhom, li setgħu jevitaw l-intervent kontinwu tal-avukat tagħhom.